GUDJA

Minuti għat-tieni parti tat-tmien laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum it-Tnejn 08 ta' Frar 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Kunsilliera; | Osvaldo Pace, Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |
| Skużat: | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 07/6 (13/01/2010)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Budget 2010 – Draft

4. Financial statements – April 09 sa Diċembru 09

5. Rapport Amministrattiv – April 09 sa Diċembru 09

6. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

Attendenza

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku qal li Segretarju Esekuttiv kien infurmaħ illi l-Viċi-Sindku s-Sur R. Baldacchino kien infurmah permess ta'email li kien jinsab indispost u ma setax jattendi ghal din il-laqgħa.

Fiċ-ċirkustanzi il-Kunsill qabel li s-Sur R. Baldacchino għandu għall kull buon fini jiġi kunsidrat li n-nuqqas ta' attendenza hija ġustifikata u għalhekk skużabbli.

Kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera preżenti qablu li jerġgħu jimxu fuq l-aġenda kif diġa ċirkulata għall-ewwel parti ta' din il-laqgħa u għalhekk dawn il-minuti qed jirriflettu x-xewqa tas-Sindku u l-Kunsilliera preżenti.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.1 Performance Bonus. Is-Sindku qal li skond LS 20 Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) il-Kunsill jista wkoll fid-diskrezzjoni tiegħu jagħti lis-Segretarju Esekuttiv, fi tmiem ta' xi sena finanzjarja, bonus ta' performance ta' mhux iżjed minn 10% ta' l-aħħar salarju li jkun qed jirċievi.

Is-Sindku għamel referenza għal Memo 86/2009 Ħlas ta' Performance Bonus li tgħid li peress li s-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2009 għal din is-sena biss, biex ma jkunx hemm interpretazzjonijiet differenti tar-Regolamenti 6 u 19 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umbani) il-Performance Bonsu għandu jiġi assenjat u deċiż matul Jannar 2010 u jinħadem fuq is-salarju ta' Jannar 2010.

Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill jista wkoll fid-diskrezzjoni tiegħu jagħti lil kull wieħed mill-impjegati tiegħu, fi tmiem ta' xi sena finanzjarja, bonus ta' performance ta' mhux izjed minn 6% ta' l-aħħar salarju li jkun qed jirċievi.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel illi għalkemm mhux dejjem faċli li wieħed jaħdem taħt pressjoni sabiex jintlaħqu l-esiġenzi kemm tal-pubbliku, tal-Kunsilliera kif ukoll sabiex wieħed jimxi ujlaħħaq ma' dak mitlub mill-kariga rispettiva tiegħu jew tagħha, il-Kunsill b'mod unanimu huwa tl-fehma illi l-livell ta' performance kemm tas-Segretarju Esekuttiv kif ukoll ta' l-iskrivana uffiċjali tal-Kunsill għandu jkun dak massimu, jiġifieri dak ta' 10% għas-Segretarju Esekuttiv u dak ta' 6% għall-iskrivana uffiċjali tal-Kunsill.

Fuq din it-tema l-Kunsill qabel li għandu ffakkar dwar il-ħtieġa li l-impjegati tal-Kunsill għandhom ikomplu jkunu ta' sosten u juru flessibilita meħtieġa kemm fil-ħidma kollettiva tal-Kunsill kif ukoll fil-ħdima rispettiva tas-Sindku, Viċi-Sindku u l-Kunsilliera l-oħra kollha fid-diversi responsabbiltajiet tad-dekasteri tagħhom.

Dan għandu jiġi kommunikat bil-miktub lill-impjegati rispettivi tal-Kunsill.

2.1.2 Servizz ta' Segretarju Esekuttiv. Is-Sindku fakkar lill-Kunsill illi skond il-kuntratt ta' xogħol tas-16 ta' Diċembru 2005 is-Sur Joseph M. Formosa kien ġie impjegat bħala Segretarju Esekuttiv, liema impjieg kien ukoll approvat mill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali skond avviż fil-gazzetta tal-Gvern. Dan wara li l-Kunsill Lokali Gudja b'ittra tiegħu datata 09 ta' Novembru 2005, kien informa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħatra tas-Sur JM Formosa bħala Segretarju Esekuttiv tal-Kunsill Lokali Gudja u s-Sur Natalino Attard Direttur Gvern Lokali kien bl-ittra tiegħu tad-09 ta' Novembru 2005 kien informa lill-Kunsill li ma hemm l-ebda oġġezzjoni għal din il-ħatra.

Is-Sur JM Formosa sejjer jagħlaq l-61sena nhar is-Sibt 17 ta' April 2010 u huwa wera x-xewqa li jkompli f'din il-kariga u joffri s-servizzi tiegħu lill-Kunsill Lokali Gudja wara li jagħlaq l-eta ta' 61sena.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni formali minn xi awtorita responsabbli u kompetenti, s-Segretarju Esekuttiv preżenti għandu jkompli f'din il-kariga (bl-istess kondizzjonijiet oriġinali u eżistenti) wara l-għeluq ta' 61sena peress li fil-fehma tal-Kunsill is-Sur JM Formosa huwa persuna utili fit-twettieq tal-ħdima ta' suċċess tal-Kunsill Lokali Gudja.

2.1.3 Ġnien Raymond Caruana. Is-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi preżenti għandha issir talba li l-area kollha ta' Ġnien R. Caruana għandha tiġi devoluta għand il-Kunsill fil-għan li l-Kunsill jagħmel żvilupp ta' Ċentru Ċiviku u Rikrejattiv filwaqt li jikseb fondi kif għamel il-Kunsill tax-Xagħra Għawdex.

2.3.0 Kunsilliera

2.3.1 Sur Osvaldo Pace

a. Jum il-Qari. Il-Kunsillier O Pace qal li Jum il-Qari sejjer ikun fil-15 ta' Marzu 2010 u li qed iħejji l-preparazzjonijiet sabiex jittella programm varjat.

b. Kultura u Turiżmu fil-Gudja. Is-Sur Pace qal li huwa tal-fehma li l-Kunsill jaħtar lis-Sinjuri Cyprian Dalli, Mario Gatt u Mario Mangion bħala sotto kumitat sabiex jagħmlu reġistru ta' l-assi u inventarju ta' l-affarijiet storiċi u kulturali ġewwa l-konfini tal-Gudja.

F'din il-ħidma tkun tista ssir Mappa ta' dawk l-affarijiet li turist ikun jista' jara u japprezza fil-Gudja. Fit-twettiq ta' dan il-Programm ta' ħidma, hemm il-pubblikazjoni ta' kiteb illustrat dwar il-Gudja. Il-Kunsill approva l-membri ta' dan is-sotto kumitat kif ġie ssuġerit mis-Sur O Pace kif ukoll dwar il-programm ta' ħidma kif spjega l-istess Sur Pace.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li peress li l-fondi tal-Kunsill huma limitati, hemm il-ħtieġa li l-Kunsill jipparteċipa kemm fl-Iskemi ta' Fondi mnedija mill-Gvern Ċentrali ki fukoll mill-fondi tal-Ewropa dwar dawn il-ħtiġijiet tal-Kunsill fit-twettieq ta' programm kif spjegat hawn fuq.

c. Life Skills – 12 sessions għat-tfal bejn il-5 u l-10 snin. Is-Sur Pace spjega dwar dak li qed titlob Ms. Lara Vassallo li tixtieq tagħti tagħlim waqt il-preparazzjoni tal-ħidma tagħha tal-Masters of Arts f'dan is-suġġett.

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jimxi skond proċeduri stabbiliti u qabel ukoll illi s-Sinjorina Lara Vassallo tagħmel kuntatt dirett mal-Kunsill sabiex tinkiseb l-aħjar arranġament kemm fl-interess tal-Kunsill kif ukoll dwar dawk it-tfal li jkunu sejrin jipparteċipaw f'dan il-programm ta' tagħlim dwar il-Life Skills meħtieġa għal-ħajja aħjar.

d. Ħidma u parteċipazzjoni fil-Grupp Azzjoni Lokali (GAL) Xlokk. Is-Sur Pace fakkar li waqt il-laqgħa tal-lokal li saret is-Sibt 10 t'Ottubru 2009 huwa lfimkien ma' kunsilliera oħra fosthom is-Sur Dalli kien ha sehem f'din l-laqgħa għal-preparazzjoni ta' strateġija u fost affarijiet oħra kienu nsistew li għal-ħtiġijiet tal-Gudja għandhom jidħlu fl-istrateġija dawn l-affarijiet:-

i. outdoor gym, walking track,
ii. restawr tan-niċċeċ fil-Gudja
iii. Day Centre
iv. Refurbishment ta' ġonna u spazji ta' divertiment u rikrejazzjoni

Is-Sur Pace qal li jinsab infurmat mis-Silvio Schembri, Direttur Ġenerali Fondazzjoni GAL Xlokk li dawn it-talbiet jiffurmaw parti mill-istrateġija kif imfassla taħt il-programm ta' fondi LEADER Plus u għalhekk il-Kunsill

għandu jinsisti li din l-istrateġija tiġi esekuttiva u li l-interessi tal-Gudja jiġu mogħtija l-prijorita li tixirqilhom.

Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi komunikat lid-diriġneti tal-Fondazzjoni Gal Xlokk.

2.3.2 Sur Anthony Dalli

a. Ċentru ta' taħriġ. Il-Kunsillier A. Dalli qal li għandu abboz ta' ftehim ma' l-iSkola Primarja Gudja Kulleġġ San Benedittu u sejjer jaħdem li dan il-ftehim jiġi finalizzat fi żmien qarib.

Is-Sur A. Dalli qal li qed jagħmel tentattiv sabiex ikun hemm kuntatt mal-Onor. Mario Galea, Segretarju Parlamentari għall-Anzjani sabiex tinkiseb l-għajnuna meħtieġa fit-twettieq ta' dan il-proġett.

b. Servizzi soċjali provduti mill-bini tal-Kunsill. Is-Sur Dalli qal illi qed isir dak kollu possibli sabiex issiru l-arranġamenti meħtieġa mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali sabiex ir-residenti tal-Gudja ikunu moqdija aħjar.

2.3.3 Sur Mark Anthony Sammut

a. Wirja ta' pittura msi-Sur Vince Cassar. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill jista jipparteċipa u jtella wirja ta' pittura mis-Sur V. Cassar għax b'hekk ikun qed jgħin u jinkoraġġixxi l-apprezzament tat-talent u l-arti fil-Gudja.

b. PO Maratona. Is-Sur Sammut spjega li f'din l-attivita huwa kellu responsabbilta diretta fl-organizazzjoni tal-Fun Run. Is-Sur Sammut qal ukoll li l-Kunsill ġie ferm apprezzat fil-ħidma u l-assoċjazzjoni tal-Kunsill f'din l-attivita serviet ukoll sabiex jinġabru fondi għall-ħidma ferm siewja ta' Puttinu Cares Fund.

Is-Sur Sammut qal ukoll li xtaq jirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillier l-oħra kollha għal mod kif ikkoperaw fid-diversi oqsma ta' din l-attivita u li għalija l-Kunsill nefaq somma kważi insinifikanti peress li kien hemm diversi sponsors li għinu f'dan il-program..

Is-Sur Sammut qal li xtaq li jirringrazzja partikularment lis-Sur Horace Micallef ta' Horace Enterprises Gudja peress li dan ta' l-medalji bla ebda ħlas.

Is-Sindku qal li huwa ta' sodisfazzjoni li l-ħidma u assoċjazzjoni tal-Kunsill ġiet apprezzata. Is-Sindku qal ukoll li huwa veru li għal din l-attivita l-Kunsill ma ħariġx ħafna flus iżda permess tal-ħidma tal-Kunsill qrib il-Korp tal-Pulizija, ġew iffrankati ħafna flus dwar il-kontrol tat-traffiku u s-sigurta waqt li kienu qed isiru l-attivitajiet diversi ta' din il-maratona.

Is-Sindku qal li jkun xieraq li għal Jum il-Gudja 2010 il-Kunsill Lokali Gudja jistieden lil diversi għaqdiet u każini sabiex kull wieħed minnhom jara li jorganizza attivita, maratona kemm ta' ġiri, mixi, sport, billiard, volleyball/netball u xi sport ieħor bħal darts, bil-għan anke li jinkiser xi record eżistenti.

Dawn l-attivitajiet jiġu riklamati b'mod lokali u nazzjonali u b'hekk l-isem tal-Gudja ikun qed jingħata ġieħ anke fil-ħidma sportiva u dik filantropika. Għal din l-attivita s-Sindku qal li sejjer jagħmel minn kollox sabiex iġib il-

banda tal-Pulizija jew dik ta' l-Armata Maltija skond kif jippermetttu l-eżigenzi tal-Korp jew l-Armata.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku

c. Skemi tal-KMS. Is-Sur Sammut qal li flimkien mas-Segretarju Esekuttiv huwa kellu laqgħa mal-KMS dwar programm ta' sport varjat għan-nies tal-Gudja u huwa ittamat li l-Kunsill jingħata sponsor ta' massimu ta' €3,000 (tliet elef ewro). L-isport għal dan il-programm tas-sena 2010 jikkonsisti f'aerobics, after school sports, girls on the move (netball) u sports for all.

d. MEUSAC. Is-Sur Sammut qal li fil-laqgħa li kellu riċenti mal-MEUSAC jidher li hemm possiblita li jinkisbu fondi dwar il-proġett tal-pjazez ġewwa l-Gudja. Saret diskussjoni dwar il-limitazzjoni u problemi li l-qalba tar-raħal tinqata mit-traffiku peress li l-proġett tar-ring road għad mhux komplut. Dan in-nuqqas qed jikkawża ħafna problemi dwar il-preservar tal-qalba tal-Gudja u għalhekk il-Kunsill qabel li għandha tkompli ħidma persistenti sabiex il-proġett tar-ring road jimxi l-quddiem.

Dwar il-proġetti li jistgħu jottjenu fondi mill-Ewropa dwar aspetti ta' pjazez għall-attrazzjoni turistika, l-Kunsill qabel li għandu jaħdem fuq l-inħawi tal-Kappella ta' Bir Miftuħ u z-zuntier tal-Knisja Arċimatriċi Arċipretali tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel li għandha tiġi segwita sewwa kull possibilta u ħidma li biha l-Kunsill jista' jikseb fondi sabiex ssebbaħ u jagħmel aċċessibli l-inħawi tal-Gudja sabiex b'hekk dawn ikunu jagħmlu parti mill-pakkett turistiku tal-Gudja.

## 3.0 Budget 2010 - Draft

3.1 Is-Sindku fakkar li d-draft ta' dan il-budget 2010 kien ġie ippreżentat għal-laqgħa tal-lokalita li saret is-Sibt 30 ta' Jannar 2010 u wara li l-Kunsill ħa konjuzzjoni tal-ħtiġijiet u xewqat tar-residenti kif ukoll tal-Kunsilliera kollha sabiex iwettqu x-xogħol taħt id-diversi dekasteri tagħhom. Wara diskussjoni l-budget 2010 kif revedut kien approvat unanimament u għandu jifforma parti integrali ma' dawn il-minuti, mmarkat bħala Dokument A.

3.2 Is-Sindku fakkar illi kull infiq għandu jsir skond il-proċeduri kemm ta' quotations, tenders u proċeduri oħra dwar akkontabilita u galbu u li l-Kunsill għandu jara li jakkwista l-akbar valur għal kull nefqa li jagħmel anke f'infieq ta' flus żgħar għaliex b'hekk ikun qed jaħdem fl-aħjar interess għar-residenti tal-Gudja.

3.3 Is-Sindku qal ukoll illi l-ammonti huma bħala direzzjoni u mhux neċessarjament li għandu jintefaq dak l-ammont kollu kif indikat għal matul is-sena 2010 speċjalment li s-sena 2010 hija diġa nieqsa b'madwar xahrejn. Għas-sena li ġejja l-Budget 2011 jiġi kkonsidrat fix-xahar ta' Diċembru 2010.

## 4.0 Financial Statements April 2009 sa Diċembru 2009.

4.1 Saret diskussjoni u l-Kunsill approva dawn il-financial statements kif preżentati b'mod unanimu. Il-Kunsill approva li dawn l-istess financial statements jiġi ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Esekuttiv u li għandhom jipproċedu sabiex dawn l-financial statements jiġu preżentati għand l-Awdituri Grant Thorton u lil Awditur Ġenerali kif indikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skond memo 78/2009.

**5.0 Rapport Amministrattiv – April 2009 sa Diċembru 2009**

5.1 Din il-materja ġiet diskussa u approvata fl-ewwel parti ta' din il-laqgħa.

**6.0 Finanzi**

6.1 Petty Cash. Il-Kunsill ra u approva n-nefqa ta' €90.92 għax-xahar ta' Diċembru 2009 kif preżentata lill-Kunsill

6.2 Skeda ta' pagamenti. Il-Kunsill ra u approva n-nefqa ta' €21,025.44 għax-xahar ta' Jannar 2010 kif preżentata lil Kunsill u dan wara spjegazzjoni kif mitluba mill-Kunsilliera preżenti.

6.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

6.3.1 Ħtieġa ta' kiri ta' bob cat sabiex jitnaddfu trejqiet fil-kampanja. Is-Sindku talab u l-Kunsill approva sabiex jinkera bobcat għax-xogħlijiet msemmija.

6.3.2 Is-Sur Pace qal li hemm il-ħtiega li fi spazju u softarea indikata bħala Ġnien 31 ta' Marzu 1979 hemm il-ħtieġa ta' refurbishment u manutenzzjoni u dan jirrekjedi li jsir ħadid irqiq u xi forma ta' grada sabiex filwaqt li dawn l-inħawi jkollhom dehra aħjar ikunu wkoll jistgħu jidgawdew minn nies li joqgħodu f'dawn l-inħawi.

6.3.3 L-inħawi maġemb il-football ground, ħdjen il-Palazzo d'Aurel. Is-Sur Dalli qal illi dan il-lok għandu jkun rranġat u miżmum aħjar għaliex huwa lok li jista jitgawda mir-residenti tal-inħawi tal-Housing Estate tal-Mitħna.

Il-Kunsill qabel li għandu jsir rapport sabiex ikun hemm refurbishment kif meħtieġa bil-possibilta li jinkisbu fondi speċjali għal dan l-iskop.

6.3.4 Xogħol ta' Patching/Asphaltar, Triq Tarxien, Gudja. Is-Sur Dalli qal li din it-triq ed tiġrila ħsara peress li l-volum tat-traffiku żdid u li qed jgħaddu minnha ħafna inġenji kbar mgħobbija ħafna u li meta saret din it-triq żgur li ma kinitx maħsuba għal daqstant traffiku.

Is-Sur Dalli qal li wieħed faċilment jikkonsidra li din tifforma parti minn triq arterjali u għalhekk il-Gvern Ċentrali għandu jirranġa din it-tirq kif issir f'postijiet oħra.

Il-Kunsill qabel li għandha issir talba dwar fondi speċjali jew xi fondi oħra sabiex issir ix-xogħol meħtieġ speċjalment issa li dawn l-inħawi huma fil-qrib ta' toroq li sejrin jintużaw fil-miġja tal-Papa Benedittu XVI fis-17 u fit-18 t'April 2010 ġewwa Malta.

**7.0 Għeluq tal-laqgħa**

7.1 Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill għandha issir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2010 fis-6.00p.m. jew f'data u ħin ieħor kif jaqbel il-Kunsill fuq Agenda li tiġi notifikata lil membri kollha tal-Kunsill.

7.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.45p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku